2024/797

21.3.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 177/2023

tal-5 ta' Lulju 2023

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2024/797]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ('il-Ftehim dwar iż-ŻEE'), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2236 tal-20 ta' Ġunju 2022 li jemenda l-Annessi I, II, IV u V tar-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tekniċi għal vetturi prodotti f'serje illimitata, vetturi prodotti f'serje żgħira, vetturi kompletament awtomatizzati prodotti f'serje żgħira u vetturi bi skop speċjali, u fir-rigward tal-aġġornament tas-software ([1]), kif rettifikat permezz tal-ĠU L 304, 24.11.2022, p. 103, għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 51 (ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu I tal-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

"— **32022 R 2236**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2236 tal-20 ta' Ġunju 2022 (ĠU L 296, 16.11.2022, p. 1), kif rettifikat permezz tal-ĠU L 304, 24.11.2022, p. 103."

Artikolu 2

It-test tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2236, kif rettifikat permezz tal-ĠU L 304, 24.11.2022, p. 103, bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-6 ta' Lulju 2023, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *, jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 49/2022 tat-18 ta' Marzu 2022 ([2]), skont liema data tkun l-iżjed tard.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 296, 16.11.2022, p. 1.
* Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.
([2]) ĠU L 182, 7.7.2022, p. 19.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Lulju 2023.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Pascal SCHAFHAUSER